**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 9 ta' Novembru, 2022**

Numru 14

**Appell Nru. 21/2022**

**Michael Ghigo, John Ghigo, Jane Ghigo, Alexander Ghigo u Rita Ghigo**
**vs**

**L-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorzi u**
**l-kjamat in kawza Bonnici Brothers Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Michael Ghigo et tal-10 ta' Mejju 2022 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-28 ta' April 2022. It-Tribunal laqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita ghall-Ambjent u Rizorsi u iddikjara l-appell null billi dak li qed isir appell minnu ma jikkostitwix decizjoni kif trid il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet ghaliex l-appell kellu jigi michud;

Rat ir-risposta tal-applikant Bonnici Brothers Ltd li ssottometta li l-appell kellu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan huwa appell kontra ittra mahruga mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi bid-data tat-28 ta' Mejju 2021 li giet ikkomunikata lill-appellanti wara korrispondenza taghhom [Skont ittra li ggib id-data tas-27 t'April 2021] fejn intalab li l-applikazzjoni PA8969/19 tigi dismissed jew sabiex jigu sottomessi pjanti emendati minhabba li l-appellanti ghandhom dritt ta' access fuq l-art u sabiex il-process tal-Environment Impact Assessment relatat ma' PA8969/19 jerga` jibda mill-gdid. L-ittra mibghuta mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi bhala risposta ghal din it-talba taqra s-segwenti:
"The aim of an Environment Impact Assessment (EIA) is to assess the likely significant impacts of a proposed project on the environment. Any other issues that go beyond such intent should be referred directly to the Planning Authority to take cognizance of such issues during the decision-making process for the said development planning application."

L-appell odjern gie intavolat minn terzi persuni, fejn ipprezentaw is-segwenti ilmenti bhala l-bazi ta' dan l-appell:
1. Illi l-esponenti huma t-titolari ta' dritt ta' passagg fuq il-barriera mertu tal-applikazzjoni PA8969/19, u l-EIA prezentat mill-applikant ma jiehu ebda kont tal-imsemmija servitu';
2. Illi d-dritt ta' passagg jaghti dritt lill-esponenti li jghaddu minn gewwa s-sit tal-applikazzjoni b'kull tip ta' ingenju kbir u zghir;
3. Illi l-EIA li jikkoncerna l-bini ta' dar tal-anzjani huwa manifestament vizzjat billi ma jiehux kont tal-impatt tad-dritt ta' passagg,u partikolarment il-heavy vehicles li jkunu gejjin u sejrin mill-barriera tal-esponenti permezz ta' hsejjes, vibrazzjonijiet ue missjonijiet ta' trabijiet;
4. Illi l-applikant ghazel li ma jsemmix l-imsemmi dritt ta' passagg fl-EIA, meta dan johrog mit-titolu tieghu stess.

Fuq il-bazi ta' dawn l-ilmenti, l-appellant jghid li dawn in-nuqqasijiet da parti tal-ERA jikkostitwixxu zball materjali ta' fatt, zball procedurali materjali, zball ta' ligi u illegalita materjali, irragonevoli, konsiderazzjoni ineffettiva jew insufficjenti ta' effetti negattivi u/jew nuqqas ta' proporzjonalita. Ghalhekk, l-appellant jitlob lit-Tribunal sabiex jidderigi lill-istess ERA sabiex jordna lill-applikant sabiex jipprezenta pjanti godda u jirrepeti l-EIA mill-gdid sabiex jiehu kont tal-impatti derivanti mid-dritt ta' passagg li jgawdu l-esponenti.

B'risposta ghal dan l-appell, l-applikant tal-applikazzjoni PA8969/19, jispjega s-sitwazzjoni ta' dritt ta' access fuq is-sit matul issnin 1967 sas-sena 1998. L-applikant jghid li rampa li tidher ghall-ewwel darba fis-sena 1998 jintuza minn l-ahwa Ghigo bhala access ghall-barriera taghhom, u minhabba dan, din ir-rampa tnehhiet mill-konfini tal-propost zvilupp skont l-applikazzjoni PA8969/19. Ghalhekk, l-applikant jiddikjara li r-rampa ta' access ma tifformax parti mis-sit tal-izvilupp propost ghall-PA8969/19.

Fir-risposta taghha ghall-appell li gie ntavolat, l-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi preliminarjament tghid li l-appell huwa wiehed null u bla effett u titlob lit-Tribunal sabiex tiddetermina din il-kwistjoni in linea mal-Artiklu 9(2)(b) tal-Kap 551 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Awtorita' tghid li l-appell huwa null fuq il-bazi li:
1. L-appell ma sarx minn xi decizjoni tal-Awtorita', izda minn ittra li hija semplici korrispondenza;
2. Illi l-appell huwa prematur minhabba li l-process tal-EIA ghadu miftuh u mhux konkluz u kif ukoll minhabba li l-EIA huwa parti integrali mill-applikazzjoni tal-Ippjanar PA8969/19 u d-dritt

tal-appell ghandu jkun spettanti mid-decizjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar fil-PA8969/19 u mhux mill-EIA.

Fir-rigward tal-aggravji imressqa f'dan l-appell, l-Awtorita` tirrispondi:
1. Illi l-kwistjoni ta' dritt ta' passagg minn gewwa s-sit tal-applikazzjoni hija wahda purament civili u m'hijiex fil-mansjoni tal-Awtorita` li tidhol fiha, u lanqas ma hija materja li tittiehed in konsiderazzjoni fl-EIA;
2. Illi l-Awtorita` m'ghandiex kontroll fuq x'tip ta' applikazzjonijiet jigu sottomessi mal-Awtorita` tal-Ippjanar u lanqas m'ghandha kontroll fuq id-decizjoni eventwali ta' tali applikazzjonijiet. L-EIA ma jistudjax l-impatt fuq id-drittijiet civili u lanqas ma tiddeciedi mil-lat ta' zvilupp x'inhu accettabbli jew x'ghandu jkun permessibbli;
3. Illi t-Tribunal m'ghandux il-mansjoni li jhassar korrispondenzi mibghuta mill-Awtorita`.

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-inkartament tal-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell u tas-sottomissjonijiet li saru mill-Partijiet;

Ikkunsidra;
Illi dan l-appell sar wara li saret komunika mill-Awtorita` tal-Ambjent u r-Rizorsi bhala risposta ghall-komunika tal-appellant u li jirrigwarda l-assessjar tal-EIA. Illi kif gie ddikjarat mill-istess Awtorita` appellata, l-assessjar tal-istess EIA ghadu ghaddej u mhux konkluz. L-argument principali mqajjem fl-appell jikkoncerna d-dritt ta' access minn fuq passagg u l-impatt tieghu waqt il-fazi tal-operat gew injorati fil-pjanti u kif ukoll fil-process tal-EIA.

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet kollha, kemm dawk sottomessi fil-mori, kif ukoll dawk verbali li saru waqt is-seduti mizmuma quddiem dan it-Tribunal.

Illi fl-ewwel lok, l-Awtorita` tal-Ambjent u r-Rizorsi ressqet eccezzjoni preliminari fir-rigward tal-validita` tal-appell u tghid li l-appell li gie ntavolat ghandu jigi kkunsidrat bhala null u bla effett, u dan fuq il-bazi li:
1. L-appell ma sarx minn decizjoni tal-Awtorita', izda minn ittra ta' kommunikazzjoni;
2. Il-process tal-EIA ghadu ghaddej u ghalhekk ghad m'hemmx decizjoni finali fir-rigward ta' dan; u
3. Il-process tal-EIA qieghed isir bhala parti integrali mill-applikazzjoni tal-Ippjanar PA8969/19, u ghalhekk id-dritt tal-appell huwa marbut mad-decizjoni finali tal-Awtorita' tal-Ippjanar fil-PA8969/19 u mhux mill-EIA.

Illi r-regolamenti li jirregolaw il-procedura tal-EIA huma skont il-Ligi Sussidjarja 549.46, fejn regolament 34 jorbot id-dritt ta'appell mal-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, kif fis-segwenti:
"L-appelli quddiem it-Tribunal, biex jikkontestaw deczjoni, att jew omissjoni b'rabta ma' xi materja regolata taht dawn ir-regolamenti, ghandhom ikunu applikabbli ghal kul persuna aggravata, inkluzi terzi persuni skont l-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, u ghandhom isegwu r-regoli u l-proceduri stabbiliti fl-istess Att."

Illi Taqsima V ta' Kapitolu 551 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi l-proceduri quddiem it-Tribunal relatati ma' decizjonijiet mehuda mill-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi, u Artikolu 47(1) jipprovdi li:
"47(1) Kull parti aggravata tista' tappella lit-Tribunal skont id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent ukull regolament maghmul tahtu, u kull persuna tista' tappella minn kull decizjoni tal-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi unikament dwar stimi ambjentali, l-access ghall-informazzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u r-rimedju ta' danni ambjentali."

Ghalhekk johrog car illi t-Tribunal huwa fdat bil-provvedimenti elenkati fil-Kapitlu 551 sabiex jiddeciedi fir-rigward ta' decizjoni li tiehu l-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi fir-rigward ta' stimi ambjentali, u ghalhekk it-tielet punt mqajjem fl-eccezzjoni tal-Awtorita` mhuwiex fis-sewwa.

Izda, l-eccezzjoni imressqa quddiem dan it-Tribunal fir-rigward tan-nullita' tal-appell fl-ewwel zewg punti huwa wiehed fejn qieghed jinghad li l-ittra tat-28 ta' Mejju 2021 m'hijiex decizjoni, izda biss kommunika, u ghalhekk m'hemmx dritt ta' appell minn din il-kommunikazzjoni.

It-Tribunal jerga` jaghmel referenza ghar-regolamenti tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali L.S. 549.49, u partikolarment ghalregolamenti 23(1) u 23(2) fejn dawn ir-regolamenti jipprovdu ghall-valutazzjoni finali tal-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi, billi l-procedura li twassal ghal decizjoni finali fir-rigward tal-EIA huwa wiehed fejn:
"23(1) L-Awtorita ghandha tanalizza r-rapport tal-VIA konkluz u ghandha thejji l-valutazzjoni finali taghha. L-Awtorita ghandha tiehu decizjoni fil-pubbliku u taghti l-opportunita lill-applikant u lill-pubbliku biex jaghmlu kummenti u rapprezentazzjonijiet….."

U li:
"23(2) Sabiex tipprepara u tasal ghall-pozizzjoni finali taghha, l-Awtorita ghandha tqis kif xieraq il-konkluzjonijiet milhuqa fir-rapport tal-VIA mhejji mill-konsulenti u kwalunkwe dokument ancillari, kif ukoll il-kummenti li tircievi mill-pubbliku interessat fi kwalunkwe standju tal-process skont dawn ir-regolamenti, u kwalunkwe kunsiderazzjoni ambjentali ohra li tista' tkun rilevanti. Bhala parti mill-valutazzjoni finali taghha, l-Awtorita ghandha taghti raguni dettaljati dwar jekk taqbilx jew le, totalment jew parzjalment, mal-konkluzjoni milhuqa mill-konsulenti fir-rapport."

Kif gie kkonfermat fil-mori ta' dan l-appell, l-EIA ghadu miftuh u m'huwiex konkluz, u ghalhekk l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi ghadha ma haditx decizjoni finali fir-rigward tal-konkluzzjonijiet tal-valutazzjoni mhejji mill-konsulenti. Regolament 23 huwa car bizzejjed li decizjoni finali fir-rigward tal-istima ambjentali huwa wiehed li jittiehed fil-pubbliku u bil-partecipazzjoni tal-partijiet interressati, u ghalhekk mhux permezz ta' kommunikazzjoni ta' ittra.

Kif jirrizulta mix-xhieda tas-Sur Alex Camilleri [Xhieda moghtija quddiem it-Tribunal waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2022] li huwa impjegat fi hdan is-sezzjoni tal-valutazzjoni teknika tal-EIA fl-Awtorita` tal-Ambjent u Rizorsi, il-kommunikazzjoni li saret permezz tal-ittra tal-Awtorita' tat-28 ta' Mejju 2021 huwa rizultat ta' kommunkazzjoni interna fi hdan l-Awtorita`, u mhux bhala rizultat ta' xi decizjoni li ttiehdet minn l-Awtorita` fil-pubbliku kif stipulate f'regolament 23. Is-Sur Camilleri kkonferma wkoll fix-xhieda tieghu li peress li l-process ghadu ghaddej, il-posizzjoni finali fuq l-EIA minn l-Awtorita' ghad m'hemmx.

Fir-risposta tal-Awtorita`, l-istess Awtorita` pprovdiet spjega tal-iskop tal-process u cioe`: "The aim of an EnvironmentImpact Assessment (EIA) is to assess the likely significant impacts of a proposed project on the environment." u infurmat lill-appellant li "Any other issues that go beyond such intent should be referred directly to the Planning Authority to take cognizance of such issues during the decision-making process for the said development planning application."

Hija l-fehma kkunsidrata ta' dan it-Tribunal li l-Artikolu 47(1) huwa car bizzejjed fejn id-dispozizzjoni tat-Tribunal sabiex jisma' u jiddeciedi fir-rigward ta' aggravju dwar stima ambjentali jista' jsir wara li tittiehed decizjoni minn l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi. Kif gja analizza t-Tribunal mix-xhieda u l-proceduri prezentati waqt il-mori ta' dan l-appell, l-ittra tat-28 ta' Mejju 2021 ma tistax titqies bhala decizjoni minn l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi u

allura dan iwassal lit-Trbunal sabiex jikkonkludi li l-appell li gie ntavolat huwa wiehed null u bla effett.

Ghaldaqstant u in vista tar-ragunijiet premessi, dan it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni preliminari mressqa tal-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi, jiddikjara l-appell odjern bhala wiehed null u jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

## Ikkunsidrat

L-aggravju tal-appellant hu s-segwenti. Fil-process ta' environment impact assessment rikjest minhabba l-izivlupp in kwistjoni, liema EIA kellu jigi redatt mill-applikant lill-Awtorita tal-Ambjent u Rizorsi, l-appellanti ipprezentaw ittra datata 27 ta' April 2021 li fiha elenkaw diversi nuqqsijiet fir-redazzjoni tal-EIA, fosthom li l-EIA ma kienx qed jirrispetta dritt ta' servitu ta' passgg fuq l-art mertu tal-applikazzjoni, tant li kien qed jigi injorat fl-EIA. Ghalhekk l-appellanti talbu li l-EIA kellu jerga' jsir mill-gdid. B'ittra tat-28 ta' Mejju 2021 l-ERA wiegbet li ma kinitx ser tiehu kont tas-sottomissjonijiet tal-appellanti billi din kienet kwistjoni li kellha tigi imqajma quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar waqt l-ipprocessar tal-izvilupp. L-iskop ta' EIA kien biss li jigi kunsidrat l-aspett tal-izvilupp fuq l-ambjent. L-appellanti jsostnu li l-artikolu 47(1) tal-Kap. 551 jaghti d-dritt lil kull parti aggravata, tappella minn kull decizjoni tal-ERA dwar stimi ambjentali, fost affarijiet ohra. L-istess jinghad fl-artikolu 63 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549). Imkien ma jinghad li d-decizjoni trid tkun finali. L-ittra tat-28 ta' Mejju 2021 hi fil-fatt decizjoni ta' cahda ta' talba u hi finali mill-aspett tat-talba maghmula, u inghalqet il-kwistjoni fuq dak l-ilment.

Il-Qorti ikkonsidrat l-artikolu tal-ligi rilevanti ghal kaz kif il-fatt ikkonsidrahom it-Tribunal u qed terga' tirreferi ghalihom ghal kjarezza.

> Illi r-regolamenti li jirregolaw il-procedura tal-EIA huma skont il-Ligi Sussidjarja 549.46, fejn regolament 34 jorbot id-dritt ta'appell mal-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, kif fis-segwenti:
> "L-appelli quddiem it-Tribunal, biex jikkontestaw deczjoni, att jew omissjoni b'rabta ma' xi materja regolata taht dawn ir-regolamenti, ghandhom ikunu applikabbli ghal kul persuna aggravata, inkluzi terzi persuni skont l-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, u ghandhom isegwu r-regoli u l-proceduri stabbiliti fl-istess Att."
>
> Illi Taqsima V ta' Kapitolu 551 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi l-proceduri quddiem it-Tribunal relatati ma' decizjonijiet mehuda mill-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi, u Artikolu 47(1) jipprovdi li:
> "47(1) Kull parti aggravata tista' tappella lit-Tribunal skont id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent ukull regolament maghmul tahtu, u kull

persuna tista' tappella minn kull decizjoni tal-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi unikament dwar stimi ambjentali, l-access ghall-informazzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u r-rimedju ta' danni ambjentali."

It-Tribunal jerga` jaghmel referenza ghar-regolamenti tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali L.S. 549.49, u partikolarment ghalregolamenti 23(1) u 23(2) fejn dawn ir-regolamenti jipprovdu ghall-valutazzjoni finali tal-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi, billi l-procedura li twassal ghal decizjoni finali fir-rigward tal-EIA huwa wiehed fejn:
"23(1) L-Awtorita ghandha tanalizza r-rapport tal-VIA konkluz u ghandha thejji l-valutazzjoni finali taghha. L-Awtorita ghandha tiehu decizjoni fil-pubbliku u taghti l-opportunita lill-applikant u lill-pubbliku biex jaghmlu kummenti u rapprezentazzjonijiet….."

U li:
"23(2) Sabiex tipprepara u tasal ghall-pozizzjoni finali taghha, l-Awtorita ghandha tqis kif xieraq il-konkluzjonijiet milhuqa fir-rapport tal-VIA mhejji mill-konsulenti u kwalunkwe dokument ancillari, kif ukoll il-kummenti li tircievi mill-pubbliku interessat fi kwalunkwe standju tal-process skont dawn ir-regolamenti, u kwalunkwe kunsiderazzjoni ambjentali ohra li tista' tkun rilevanti. Bhala parti mill-valutazzjoni finali taghha, l-Awtorita ghandha taghti raguni dettaljati dwar jekk taqbilx jew le, totalment jew parzjalment, mal-konkluzjoni milhuqa mill-konsulenti fir-rapport."

Il-Qorti ma tistax ma taqbilx mat-Tribunal li s-sens logiku wara dawn id-dispozizzjonijiet hu li appell ghandu jsir wara decizjoni finali mill-Awtorita dwar l-EIA, u li biex tasal ghal din id-decizjoni trid tqis kull kumment minghand terzi interessati. Hu car li f'dan il-kaz ghadha ma ittiehdet ebda decizjoni finali. Allura wiehed jistaqsi x'inhu l-effett tal-ittra tal-Awtorita tat-28 ta' Mejju 2021. Il-Qorti tifhem li tali ittra tikkostitwixxi fehma tal-Awtorita fuq ilment li seta' jikkostitwixxi argument waqt il-process ta' konsultazzjoni pubblika kif trid il-Legislazzjoni Sussidjarja 549.16 u wkoll aggravju f'appell mid-decizjoni tal-Awtorita dwar l-EIA. Sfortunatament l-ittra kienet kategorika u esprimiet fehma li kellha semmai tkun riflessa bhala konsiderazzjoni fid-decizjoni tal-Awtorita mill-EIA. Tali fehma tal-Awtorita kienet prematura fic-cirkostanzi.

Madankollu ma jistax jinghad illi twieled id-dritt tal-appell tal-appellanti minn tali fehma kif espressa fl-ittra tal-Awtorita tat-28 ta' Mejju 2021. Ghad ma hemmx decizjoni finali mill-Awtorita u ghalhekk id-dritt ta' appell tal-appellanti ghadu mhux mittiefes anki fuq l-ilment imressaq bl-ittra taghhom tas-27 ta' April 2021 li bl-ebda mod ma ghalaq il-kwistjoni fejn jirrigwarda d-drittijiet tal-appellant.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li l-appell tal-appellanti ma jistax jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-28 ta' April 2022 safejn kompatibbli ma' dak deciz f'din is-sentenza. Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur